# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 7 ta' April, 2021**

**Numru 1**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 494/21 TA**

**Paul Bonello (KI. 215765M), Suzanne Bonavia (KI. 468300L), Peter Calleja (KI. 439368M), Francis Micallef (KI. 267465M), Mario Sammut (KI. 572857M), Alfred Azzopardi (KI. 0188263M), Christian Vella (KI. 336586M), Carmelo sive Charles Xerri (KI 0823357M), Joseph Gatt (KI. 261251M), Carmelo Gatt (KI. 305754M), Anthony Fenech (KI.92753M), Shawn Mifsud (KI. 451587M), Raphael Scerri (KI. 358168M), Tonio Fenech (KI. 92753M), Emy Calleja (KI. 16350M), Maria Anna Calleja (KI. 696057M) u John Bonavia (KI. 12868M)**

**vs**

1. **L-Onorevoli Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali**
2. **Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali**
3. **Id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali**
4. **Il-Kap Eżekuttiv tal-Malta Food Agency**
5. **L-Avukat tal-Istat**

6. **John Gauci (KI. 111162M) għal kull interess illi jista' jkollu**
7. **Farmers' Central Co-operative Society Ltd (X 668) għal kull interess illi jista' jkollha**
8. **Paul Azzopardi (KI. 499051M) għal kull interess illi jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jan Bonello nominee u oħrajn tal-1 ta' April 2021 li permezz tiegħu qedgħin jitolbu li l-intimati jkunu inibiti milli jagħmlu l-ħwejjeġ hemm indikati għar-raġunijiet minnhom spjegati;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' April 2021 li permezz tiegħu fost oħrajn, ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni provvisorju sakemm il-mertu tal-istess ikun deċiż definittivament;

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Ministru u Awtoritajiet oħrajn tat-2 ta' April 2021;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' intimata u tal-intimat John Gauci tas-6 ta' April 2021;

Rat ir-risposta tal-intimat Paul Azzopardi tas-6 ta' April 2021;

Rat l-atti u dokumenti kollha tar-rikors;

Rat il-verbal tal-lum stess fejn fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati r-rikorrenti rrinunzjaw għall-ewwel talba tagħhom tar-rikors;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Rat li r-rikors tħalla għal-lum stess biex jingħata digriet fil-miftuħ.

**Konsiderazzjonijiet**

Li wassal għall-vertenza li għandha quddiemha kienu numru ta' avviżi li irċevew l-intimati fejn intalbu li jgħaddu biex iġeddu l-liċenzja tagħhom billi jsiru l-ħlasijiet opportuni u di piu' jipprovdu garanzija. Jidher li kien hemm xi żmien li saru xi diskussjonijiet, b'mod partikulari dik tal-10 ta' Marzu 2021. Mill-korrispondenza esebita, jirrisulta li r-rikorrenti kellhom diversi ilmenti fosthom li jkun hemm awment fil-kummissjoni tagħhom minn 8% fuq il-bejgħ gross u għal 15% u kif ukoll il-kwistjoni tal-garanzija bankarja li kienu qegħdin ikunu mitluba jagħmlu. Tajjeb li jingħad li din il-garanzija ilha ssir għal dawn l-aħħar sitt snin u li hija fl-ammont ta' 10% tal-bejgħ gross tal-pitkal u dan kif jiddisponi r-regolament 5 (3) tal-legislazzjoni Sussidjarja numru 117.04. Ir-rikorrenti jallegaw li minħabba li s-Soċjeta' intimata, li hi kooperattiva u kif ukoll Paul Azzopardi sa fejn tirrigwarda din il-garanzija qegħdin jingħataw trattament differenti. Tal-ewwel għaliex ma tagħmel l-ebda garanzija u tat-tieni għaliex din is-sena l-garanzija li għamel kienet anqas minn ta' oħrajn u mhux kommesurata skont il-liġi. Għalkemm irid jingħad li skont ix-xhieda ta' Charlo Camilleri, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru, ciononstante l-liġi tistabilixxi garanzija ta' 10% fir-rejalta' id-Dipartiment minflok esiġa dejjem garanzija ta' 5%.

Il-Qorti tagħmilha ċara li jkun xi jkun l-esitu ta' dawn il-proċeduri dan ma jnaqqas xejn mill-pretensjonijiet u difiżi rispettivi tal-partijiet inkwantu jirrigwarda l-azzjoni sostanzjali. Din il-Qorti hija hekk adita biex tara jekk prima facie r-rikorrenti għandhomx xi dritt x'jittitulaw ai fini ta' dawn il-proċeduri biss. Tintlaqa' jew ma tintlaqax talba għall-ħruġ tal- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat jew intilef (ara **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti deċiża fil-31 ta'Jannar 2011 per Onor Imħallef J. Zammit McKeon**). Is-sustanza tal-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri għad trid tkun ikkunsidrata *ad funditus* minn dik il-Qorti li ġiet adita biex tikkunsidra mertu propju.

Huwa minnu ukoll li dawn il-Qrati dejjem insistew li l-mandati Kawtelatorji ma għandhomx jintużaw bħal mezz ta' estorzjoni jew *"arm's twisting"* biex dak li jkun jieħu dak li jrid u li mhux bil-fors ikun intitolat għalih, mingħand il-kreditur tiegħu. Pero' minn naħa l-oħra l-anqas wieħed irid jinsa li l-Qorti trid tkun ukoll gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m`għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b`leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. (ara **digriet PA/JRM fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005**).

Di piu' kull ma jeħtieg li jkun ipprovat ai fini ta' dawn il-proċeduri hu, li r-rikorrent jirnexxilu jipprova li għandu prima facie dritt xi jħares u li jekk isir dak li qed jintalab li jkun miżmum, min ikun qed jitolbu jsofri preġudizzju

irrimedjabbli. (**Avukat Dottor Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92) u Victor Mizzi vs Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs Fithome Limited**).

L-ewwel li jrid ikun ikkunsidrat jekk humiex l-intimati kollha li jridu jwieġbu għal dawn il-proċeduri. L-eżami ewlieni huwa jekk l-għemil li qed jintalab li jkun miżmum jiddependix minnhom. Sa fejn jirrigwarda l-intimati John Gauci, is-Soċjeta' intimata u Paul Azzopardi, dawn ma jiddependix minnhom dak li jridu jipprevjenu r-rikorrenti. Mhux huma iridu jwieġbu għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Għalhekk ser ikunu lliberati mill-osservanza ta' dawn il-proċeduri. Għalkemm għamlu sewwa r-rikorrenti li indirizzaw dan il-mandat kontra tagħhom ukoll għal probabbli integrita' tal-atti u di piu' sabiex ikollhom l-opportunita' li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bħala persuni interessati fl-eżitu tar-rikors.

Kwantu għall-intimati Awtoritajiet jingħad is-segwenti. Artikolu 181B. (1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi li "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*" Il-ligi ma ssemmiex kawżi speċifikament iżda atti u azzjonijiet ġudizzjarji. Ma hemm ebda dubbju li proċeduri għall-ħruġ ta' Mandat provvisorju huwa att u żgur azzjoni ġudizzjarja.

Issa regolament 4 jistabilixxi li "*F'din it-Taqsima 'prodotti' tal-biedja" tfisser kull prodott li hu miżrugħ jew imkabbar minn bidwi jew hu miksub mit-torbija*

*ta' annimali lokali, prodott li soltu jinbiegħ b'mezz ta' pitkal, u 'Direttur' tfisser id-Direttur ta' l-Agrikoltura jew Direttur ieħor appuntat mill-Ministru sabiex jamministra l-operat taċ-ċentri tal-bejgħ".* (Emfażi tal-Qorti). Regolament 5 (1) imbagħad jistabilixxi li *"Ħadd ma jista' jagħmilha ta' pitkal jew ta' bejjiegħ tal-ħaxix mingħajr liċenza mingħand id-Direttur: Iżda liċenza maħruġa mid-Direttur skond dan ir-regolament ma teħlisx lil min jeħodha mill-ħtieġa ta' xi liċenza skond xi liġi oħra".* Sub-regolament tnejn jipprovdi għall-garanzija bankarja inkwistjoni.

Għalhekk ma hemm ebda dubbju li huwa dan id-Direttur li għandu jwieġeb għall-ilmenti tar-rikorrenti fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-intimati Awtoritajiet l-oħrajn ser ikunu qegħdin jiġu illiberati ukol mill-osservanza.

Huwa minnu li r-rikorrenti jiddikjaraw li huma pitkala fir-rikors tagħhom. Huwa minnu ukoll li skont ir-regolamenti pitkal huwa imfisser *bħala persuna li xogħolha jkun li tbigħ lil ħaddieħor akkont ta' sidhom prodotti tal-biedja kif imfisser fir-regolament 4 miċ-ċentri tal-bejgħ".* Regolament 4 u 5 jagħmluha ċar li huwa pitkal dak li jkollu liċenzja mingħand id-Direttur. Għalkemm mad-daqqa t'għajn jista' jidher li l-intimati għandhom raġun f'dan l-argument, l-ilment tar-rikorrenti jrid jittieħed fid-dawl tan-narrativa li kienu ilhom snin jekk mhux ġenerazzjonijiet jaġixxu ta' pitkala u jallegaw li dan is-sors ta' għixien tagħhom qed ikun mhedded. Għalhekk din il-Qorti minn perspettiva sostanzjali kemm tad-dritt u kemm ġustizzja huma għad

għandhom dak l-interess legali li fiċ-ċirkostanzi jaġixxu biex iħarsu l-interessi tagħhom. Għalhekk f’dan ir-rigward l-intimati ma għandhomx raġun.

Dwar il-mertu tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, jibda biex jingħad li r-rikors ġie limitat għal talba numru 2. L-ilment tagħhom huwa li ma hemmx trattament ugwali. Fi ftit kliem qegħdin jallegaw, li hemm xi xorta ta’ diskriminazzjoni fl-imposizzjoni tal-imsemmija garanzija bankarja. Il-Qorti qieset li din il-garanzija ilha tkun mitluba għal dawn l-aħħar sitt snin. Li huwa minnu li mhux dejjem tkun applikata fl-ammont li tgħid il-liġi. Dan kif diġa’ aċċennat aktar ‘l fuq. Huwa minnu wkoll li tassew kienu għaddejjin diskussjonijiet, partikolarment dik tad-19 ta’ Marzu 2021, li ma ħallewx frott, anke hekk f’xi waħda minn dawk il-laqgħat ir-rikorrenti kienu ttamati li din il-garanzija ser titneħħa pero’ b’dana kollu l-liġi ma inbidlitx. Di piu’ l-Qorti ma tistax ma tosservax li waqfu l-pitkala waqfet il-katina ta’ ikel li tidħol fil-ħwienet u li konsegwentement taffettwa l-konsum ġenerali tal-pajjiż. Il-Qorti tfakkar li dawn ir-regolamenti huma magħmula bis-saħħa tal-Kap 117 tal-liġijiet ta’ Malta dwar il-provvisti u servizzi li huma essenzjali. Din il-Qorti dejjem għamlitha ċara, anke f’każijiet oħrajn li fejn si tratta ta’ attivitajiet li għandhom effett pervasiv fuq is-soċjeta’, tali talbiet għandhom ikunu meqjusa sewwa u aktar b’għaqal. Hekk bħal fil-kamp tas-Saħħa jew Edukazzjoni. F’dan il-każ servizz essenzjali tal-ikel.

Il-Qorti mhux ser tidħol fuq il-fondettezza o' meno tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti, iżda jidher li l-ilment tagħhom huwa indirizzat lejn sitwazzjoni li mhux neċessarjament twassal għal kawża ordinarja imma tista' anke twassal għal azzjoni ta' natura kostituzzjonali.

Il-Qorti hija tal-fehma li ma ġiex ipprovat b'mod sodisfaċenti x'inhu d-dannu irrimedjabbli li ser isofru. Il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn xi jżomm lir-rikorrenti li jressqu tali pretensjonijiet anke meta kien għad kellhom il-liċenzja. Jekk huma danni pekunjarji, minħabba garanzija li ssir darba u terġa' u tgħid qatt ma kienet imposta fis-sħiħ tagħha din il-Qorti ma tistax tifhem fhiex tikkonsisti l-irrimedjabbilita' tad-dannu. Għalhekk ai fini ta' dawn il-proċeduri ma irnexxilhomx jikkonvinċu lil din il-Qorti li jesistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi biex jintlaqa' l-mandat.

Għaldaqstant in vista tas-suespost fil-waqt li qed tillibera lill-intimati kollha mill-osservanza tal-ġudizzju ħlief fir-rigward tal-intimat Direttur qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement tħassar l-ordni provvisorja tagħha tal-1 ta' April 2021.

Spejjes kollha ta' din il-proċedura 'a karigu tar-rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**